SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

26 ta' Marzu 2026*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Responsabbiltà għal prodotti difettużi – Direttiva 85/374/KEE – Artikolu 13 – Relazzjonijiet mas-sistema ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija – Ħtija tal-produttur li għandha rabta man-natura difettuża tal-prodott – Artikolu 10 – Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin fil-każ ta' dannu li jikkonsisti f'marda progressiva – Kunċett ta' 'għarfien tad-dannu' – Artikolu 11 – Estinzjoni tad-drittijiet tal-vittma – Validità – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess għal qorti"

Fil-Kawża C-338/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour d'appel de Rouen (il-Qorti tal-Appell ta' Rouen, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Mejju 2024, fil-proċedura

LF

vs

Sanofi Pasteur SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tieni Awla, F. Schalin (Relatur), M. Gavalec u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: G. Chiapponi, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Marzu 2025,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal LF, minn M. Leroux, avocate,

– għal Sanofi Pasteur SA, minn A. Aviges, D. Lapillonne, F. Molinié u F. Monteret-Amar, avocats,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Franċiż, minn M. deLisi, B. Fodda u B. Travard, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, M. Hellmann u A. Sahner, bħala aġenti,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u J. M. Hoogveld, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn D. Bringuier u N. Brzezinski, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Owsiany-Hornung u C. Valero, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 10 u 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257), kif ukoll il-validità tal-Artikolu 11 ta' din id-direttiva fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn LF, persuna fiżika, u Sanofi Pasteur SA dwar talba għall-kumpens għad-danni allegati wara tilqima.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-ewwel, id-disa' sal-ħdax u t-tlettax-il premessa tad-Direttiva 85/374 jipprovdu:

"[b]illi l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tal-produttur għall-ħsara kkawżata mid-difetti tal-prodotti tiegħu hija meħtieġa minħabba d-diverġenzi preżenti jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-moviment tal-prodotti fis-suq komuni u jinvolvu livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur kontra ħsara kkawżata minn prodott difettuż għal saħħtu jew lil proprjetà tiegħu;

[...]

Billi l-protezzjoni tal-konsumatur tinħtieġ kumpens għall-mewt u korriment personali kif ukoll kumpens għall-ħsara fi proprjetà; [...]

Billi perjodu uniformi ta' limitu biex tittieħed azzjoni għall-kumpens huwa fl-interess sew tal-persuna mweġġgħa kif ukoll tal-produttur;

Billi l-prodotti jiqdiemu mal-mogħdija taż-żmien, jiġu żviluppati standards ta' sigurtà ogħla u l-istat tax-xjenza u t-teknoloġija javvanzaw; billi, għalhekk, ma jkunx raġonevoli li l-produttur jinżamm responsabbli legalment għal perjodu ta' żmien bla limitu għal difetti fil-prodott tiegħu; billi, għalhekk, ir-responsabbiltà għandha tiskadi wara tul raġjonevoli ta' żmien, mingħajr preġudizzju għal pretensjonijiet pendenti fil-liġi;

[...]

Billi skond is-sistemi legali ta' l-Istati Membri parti mweġġgħa jista' jkollha pretensjoni għad-danni bbażata fuq raġunijiet ta' responsabbiltà kontrattwali jew ibbażati fuq raġunijiet ta' responsabbiltà mhux kontrattwali għajr dik li hemm ipprovdut dwarha f'din id-Direttiva; sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet iservu wkoll biex jilħqu l-għan ta' protezzjoni effettiva tal-konsumaturi, għandhom jibqgħu bla mittiefsa minn din id-Direttiva; billi, sa fejn protezzjoni effettiva tal-konsumaturi fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi diġà nkisbet ukoll fi Stat Membru skond sistema ta' responsabbilta speċjali, pretensjonijiet ibbażati fuq din is-sistema għandhom bl-istess mod jibqgħu possibbli".

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi:

"Il-produttur jinżamm responsabbli għal ħsara kkawżata minn difett fil-prodott tiegħu."

5 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Il-persuna li saritilha l-ħsara hija meħtieġa tagħti prova tal-ħsara, id-difett u r-relazzjoni kawżali bejn id-difett u d-dannu."

6 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Prodott ikun difettuż meta ma jipprovdix is-sigurtà li persuna tkun intitolata li tistenna, waqt li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha, inklużi:

(a) il-preżentazzjoni tal-prodott;

(b) l-użu li għalih wieħed jista' raġjonevolment jistenna li jitqiegħed il-prodott;

(ċ) iż-żmien meta l-prodott ikun tqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni.

2. Prodott mgħandux jiġi kkunsidrat difettuż għall-unika raġuni li wara prodott aħjar kien tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni."

7 Skont l-Artikolu 10 tal-istess direttiva:

"1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu provvedimenti fil-leġislazzjoni tagħhom li perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin għandu jgħodd għal proċedimenti għall-irkupru tad-danni kif hemm ipprovdut dwarhom f'din id-Direttiva. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih l-attur ikun ġie konsapevoli, jew kellu raġjonevolment isir konsapevoli, mill-ħsara, id-difett u l-identità tal-produttur.

2. Il-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirregolaw is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni m' għandhomx ikunu affettwati minn din id-Direttiva."

8 L-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-leġislazzjoni tagħhom li d-drittijiet mogħtija lil persuna li saritilha l-ħsara skond din id-Direttiva jispiċċaw ma' l-iskadenza ta' perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha l-produttur ikun poġġa fiċ-ċirkulazzjoni l-prodott attwali li kkawża d-dannu, kemm-il darba l-persuna korruta tkun fil-frattemp tat bidu għal proċedimenti kontra l-produttur."

9 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Din id-Direttiva mgħandha taffettwa l-ebda drittijiet li persuna korruta jista' jkollha skond ir-regoli tal-liġi tar-responsabbiltà kontrattwali jew mhux kontrattwali jew sistema ta' responsabbiltà speċjali eżistenti meta din id-Direttiva tkun ippubblikata."

Id-dritt Franċiż

10 L-Artikolu 1240 tal-code civil (il-Kodiċi Ċivili) jipprovdi:

"Kull att ta' persuna, li jikkawża dannu lil persuna oħra, jobbliga lil kull min ikun ħati li kkawża dan id-dannu jikkumpensah."

11 L-Artikolu 1245 ta' dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"Il-produttur għandu jkun responsabbli għad-dannu kkawżat minn difett fil-prodott tiegħu, irrispettivament minn jekk huwa jkollux rabta kuntrattwali mal-vittma jew le."

12 L-Artikolu 1245-15 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"Ħlief fil-każ ta' ħtija tal-produttur, ir-responsabbiltà tiegħu, ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu, għandha tintemm għaxar snin wara t-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott innifsu li jkun ikkawża d-dannu sakemm, matul dan il-perijodu, il-vittma ma tkunx ressqet azzjoni legali."

13 L-Artikolu 1245-16 tal-istess kodiċi jistabbilixxi:

"L-azzjoni għad-danni bbażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu għandha tkun suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin mid-data li fiha l-persuna li tkun qiegħda titlob il-kumpens kienet taf jew imissha kienet taf bid-dannu, bid-difett u bl-identità tal-produttur."

14 L-Artikolu 1245-17 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu ma għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet li l-vittma ta' dannu tista' tinvoka abbażi tad-dritt tar-responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali jew abbażi ta' sistema speċjali ta' responsabbiltà.

Il-produttur għandu jibqa' responsabbli għall-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu u ta' dik tal-persuni li huwa jkun responsabbli għalihom."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Wara li tlaqqmet, fl-20 ta' Marzu 2003, kontra d-difterite, it-tetnu u l-poljojelite permezz tal-vaċċin Revaxis, immanifatturat minn Sanofi Pasteur, LF iddikjarat li kellha diversi sintomi, infezzjonijiet u uġigħ mill-2004 (problemi diġestivi, uġigħ fil-griżmejn, uġigħ fl-ispallejn, fid-dirgħajn u fl-idejn, uġigħ fl-għonq, infezzjonijiet urinarji, uġigħ fid-dahar, telf ta' xagħar). Hija ħadet perijodi repetuti ta' waqfien mix-xogħol mit-3 ta' Diċembru 2005.

16 Peress li diversi eżamijiet mediċi żvelaw, fl-2008, mijofaxxiite makrofaġika li tindika l-preżenza residwa ta' idrossidu tal-aluminju, aġġuvant użat f'ċerti vaċċini, fit-2 ta' Ġunju 2015 LF ressqet kawża quddiem il-Commission de Conciliation et d'Indemnisation des Accidents Médicaux (il-Kummissjoni ta' Konċiljazzjoni u ta' Kumpens għal Inċidenti Mediċi), li ordnat li ssir perizja. Din il-perizja kkonkludiet li l-kundizzjoni ta' LF stabbilizzat fl-20 ta' Settembru 2016 kif ukoll li ma kienx hemm argument li jippermetti li jiġi affermat li t-tilqima permezz tal-vaċċin Revaxis kienet wasslet għall-marda li minnha kienet qiegħda tbati LF. Konsegwentement, din il-kummissjoni ċaħdet it-talba ta' LF.

17 F'Ġunju 2020, b'nuqqas ta' qbil mal-konklużjoni tal-perizja, LF bdiet proċeduri, b'mod partikolari, kontra Sanofi Pasteur quddiem it-tribunal judiciaire d'Alençon (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Alençon, Franza) sabiex tiġi kkumpensata għad-danni li hija tqis li ġarrbet wara din it-tilqima, abbażi tar-responsabbiltà għal prodotti difettużi kif ukoll tar-responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija.

18 It-talbiet ta' LF ġew miċħuda permezz ta' digriet tal-imħallef li kien qiegħed jipprepara l-kawża għal smigħ fit-tribunal judiciaire d'Alençon (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Alençon) tal-10 ta' Ġunju 2021, li, b'mod partikolari, ikkonstata li l-azzjoni mressqa kontra Sanofi Pasteur, sa fejn kienet ibbażata fuq ir-responsabbiltà tal-produttur għal prodotti difettużi, kienet preskritta fid-dawl tal-Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili.

19 Permezz ta' sentenza tal-31 ta' Mejju 2022, il-cour d'appel de Caen (il-Qorti tal-Appell ta' Caen, Franza) ikkonfermat essenzjalment dan id-digriet, billi qieset li t-talbiet ta' LF ibbażati kemm fuq l-Artikoli 1245–1 *et seq*. tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll fuq l-Artikoli 1240 u 1241 tal-istess kodiċi kienu inammissibbli.

20 Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) ħassret u annullat dik is-sentenza, minħabba, b'mod partikolari, li, "[f]il-każ ta' [marda] progressiva, li tirrendi impossibbli l-iffissar ta' data ta' stabbilizzazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit mill-[Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili] ma jistax jibda jiddekorri". Il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) bagħtet lura l-kawża lill-cour d'appel de Rouen (il-Qorti tal-Appell ta' Rouen, Franza), li hija l-qorti tar-rinviju, li quddiemha LF issostni li hija tista' taġixxi kontra Sanofi Pasteur kemm abbażi tar-responsabbiltà għal prodotti difettużi kif ukoll abbażi tas-sistema ġenerali tar-responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija.

21 Fir-rigward tar-responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija, minn naħa, LF issostni li kien hemm ħtija minn naħa ta' Sanofi Pasteur distinta minn nuqqas ta' sigurtà tal-vaċċin Revaxis, sa fejn, minkejja diversi twissijiet dwar l-effetti dannużi ta' dan il-vaċċin, Sanofi Pasteur ma ħadet ebda azzjoni u ma wettqet ebda riċerka u ebda sorveljanza wara l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu.

22 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-azzjoni tagħha abbażi tar-responsabbiltà għal prodotti difettużi, min-naħa l-oħra, LF tqis li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 1245–15 tal-Kodiċi Ċivili, li beda jiddekorri mill-mument tat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tal-vaċċin li ġie

amministrat lilha, iċaħħadha mid-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti filwaqt li l-marda tagħha hija kumplessa u progressiva. Barra minn hekk, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin previst fl-Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili, li jibda jiddekorri mill-għarfien tad-dannu, tad-difett fil-prodott u tal-identità tal-produttur, jista' jibda jiddekorri biss mid-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu. Għalhekk, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni partikolari tagħha marbuta mal-fatt li d-dannu fiżiku tagħha jirriżulta minn marda progressiva.

23 Min-naħa tagħha, Sanofi Pasteur tikkontesta l-argumenti kollha ta' LF. Din il-kumpannija ssostni, qabelxejn, li, f'dan il-każ, l-azzjoni għad-danni bbażata fuq il-ħtija hija inammissibbli sa fejn il-ħtija invokata minn LF, jiġifieri nuqqas ta' viġilanza jew ta' sorveljanza tal-prodott wara l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, ma hijiex distinta min-nuqqas ta' sigurtà invokat abbażi tar-responsabbiltà għal prodotti difettużi. Sanofi Pasteur tindika, sussegwentement, li t-terminu ta' preskrizzjoni taħt l-Artikolu 1245–15 tal-Kodiċi Ċivili skada peress li għaddew iktar minn għaxar snin minn wara t-tqegħid fis-suq tal-vaċċin Revaxis. Fl-aħħar nett, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin taħt l-Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili, li beda jiddekorri mid-data li fiha LF saret taf bid-dannu, ukoll skada.

24 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar il-portata tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 85/374, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-25 ta' April 2002, González Sánchez (C-183/00, EU:C:2002:255). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddeċidiet li dan l-Artikolu 13 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet mogħtija mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru lill-vittmi ta' dannu kkawżat minn prodott difettuż, taħt sistema ġenerali ta' responsabbiltà li għandha l-istess bażi bħal dik stabbilita minn din id-direttiva, jistgħu jiġu limitati jew ristretti wara t-traspożizzjoni tagħha fl-ordinament ġuridiku intern tal-imsemmi Stat. Issa, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet, min-naħa tagħha, li l-vittma ta' dannu attribwit lil prodott difettuż tista' tressaq azzjoni għad-danni kontra l-produttur ta' dan il-prodott abbażi tas-sistema ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija, jekk hija tistabbilixxi li d-dannu tagħha jirriżulta minn ħtija tal-produttur, bħal żamma fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott li huwa kien jaf li kien difettuż jew nuqqas fir-rigward tad-dmir tiegħu ta' viġilanza relatat mar-riskji ppreżentati mill-prodott. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-kompatibbiltà ta' din il-ġurisprudenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) mal-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 13 adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

25 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-validità tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374. Peress li din id-dispożizzjoni tipprevedi li d-drittijiet mogħtija lill-vittma b'applikazzjoni ta' din id-direttiva jintemmu mal-iskadenza ta' terminu ta' għaxar snin mid-data li fiha l-prodott li kkawża d-dannu tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni, dik il-qorti tistaqsi jekk l-applikazzjoni ta' din is-sistema twassalx sabiex iċċaħħad lill-vittma ta' dannu progressiv ikkawżat minn prodott difettuż mid-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti.

26 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 85/374, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar id-determinazzjoni tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li din id-dispożizzjoni tipprevedi. Fil-fatt, skont ġurisprudenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), l-Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili, li jittrasponi dan l-Artikolu 10 fid-dritt Franċiż, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fir-rigward tad-danni fiżiċi, il-bidu tad-dekorrenza tal-imsemmi terminu ta' preskrizzjoni għandu jkun id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu. Issa, tali interpretazzjoni tidher li titbiegħed mit-test tal-imsemmi Artikolu 10 li jillimita ruħu jiffissa dan il-bidu tad-dekorrenza għad-data li fiha l-lanjant kien jaf jew imissu kien jaf bid-dannu, bid-difett fil-prodott u bl-identità tal-produttur.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d'appel de Rouen (il-Qorti tal-Appell ta' Rouen) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 13 tad-Direttiva [85/374], fl-interpretazzjoni tiegħu li tirriżulta mis-sentenza tal-25 ta' April 2002, [González Sánchez (C-183/00, EU:C:2002:255)] li jgħid li vittma ta' dannu tista' tinvoka skemi oħra ta' responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali msejsa fuq bażijiet differenti minn dak stabbilit mid-Direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vittma ta' prodott difettuż tista' titlob kumpens mill-produttur għal dannu tagħha abbażi ta' skema ġenerali ta' responsabbiltà għal nuqqas billi tinvoka b'mod partikolari żamma fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott, nuqqas ta' twettiq tad-dmir tiegħu ta' viġilanza fir-rigward tar-riskji ppreżentati mill-prodott jew, b'mod ġenerali, difett tas-sigurtà ta' dan il-prodott?

(2) L-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, li jgħid li d-drittijiet mogħtija lill-vittma b'applikazzjoni ta[l-imsemmija d]irettiva jintemmu fl-iskadenza ta' terminu ta' għaxar snin mid-data meta l-prodott fl-oriġini tad-dannu tqiegħed fiċ-ċirkulazzjoni, imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47 tal-[Karta] sa fejn iċaħħad lill-vittma li ssofri minn dannu progressiv ipprovokat minn prodott difettuż mid-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti?

(3) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 85/374, li jiddetermina bħala punt tat-tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin 'mill-jum li fih l-attur ikun ġie konsapevoli, jew kellu raġjonevolment isir konsapevoli, mill-ħsara', jista' jiġi interpretat bħala li jista' jiddekorri biss mill-jum meta d-dannu kollu huwa magħruf, b'mod partikolari permezz tal-iffissar ta' data ta' stabbilizzazzjoni li tiddefinixxi ruħha bħala l-mument li minnu l-istat tad-dannu korporali tal-vittma ma huwiex iktar progressiv b'mod li f'każ ta' patoloġija progressiva, il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri, u mhux fil-jum meta d-dannu deher b'mod ċert, b'rabta mal-prodott difettuż, fejn il-progressjoni sussegwenti tad-dannu hija ta' ftit importanza?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

28 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 13 tad-Direttiva 85/374 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li vittma ta' prodott difettuż titlob kumpens mingħand il-produttur għad-dannu tagħha abbażi tas-sistema ġenerali ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija billi tinvoka ż-żamma fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott difettuż li dan il-produttur kien jaf bih, jew nuqqas ta' twettiq tad-dmir ta' viġilanza tiegħu fir-rigward tar-riskji ppreżentati mill-prodott, jew kull aġir delittwali ieħor b'rabta ma' nuqqas ta' sigurtà tal-prodott difettuż.

29 Filwaqt li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi li l-produttur għandu jkun responsabbli għad-dannu kkawżat minn difett fil-prodott tiegħu, l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jippreċiża li l-vittma għandha l-obbligu tipprova d-dannu, id-difett fil-prodott u r-rabta ta' kawżalità bejn il-ħtija u d-dannu. Dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-ewwel premessa tal-imsemmija direttiva, jistabbilixxu l-prinċipju ta' responsabbiltà mingħajr ħtija tal-produttur li

l-bażi tiegħu hija d-difett fil-prodott, iddefinit, skont l-Artikolu 6 tal-istess direttiva, bħala nuqqas ta' sigurtà ta' dan il-prodott li l-konsumatur jista' leġittimament jistenna fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha.

30 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 85/374 jipprovdi li din id-direttiva ma għandhiex tippreġudika d-drittijiet li l-vittma ta' dannu tista' tinvoka abbażi tad-dritt tar-responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali jew abbażi ta' sistema speċjali ta' responsabbiltà eżistenti fil-mument tal-komunikazzjoni ta' din id-direttiva fid-dritt nazzjonali.

31 Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' April 2002, González Sánchez (C-183/00, EU:C:2002:255), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan l-Artikolu 13 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà jżommu sistema ġenerali ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi differenti minn dik prevista mid-Direttiva 85/374. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, din id-direttiva trid tilħaq, fuq l-aspetti li hija tirregola, armonizzazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi tal-Istati Membri (ara, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Dutrueux, C-495/10, EU:C:2011:869, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li sistema nazzjonali ta' responsabbiltà tal-produttur ibbażata fuq l-istess bażi bħal dik stabbilita mill-imsemmija direttiva u mhux limitata għal settur partikolari ta' produzzjoni ma tistax tinżamm fis-seħħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2002, González Sánchez, C-183/00, EU:C:2002:255, punt 33).

32 Għall-kuntrarju, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tas-sistemi ta' responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali msemmija fl-imsemmi Artikolu 13, li huma bbażati fuq bażijiet differenti, bħall-garanzija fir-rigward ta' difetti moħbija jew il-ħtija. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma teskludix li l-vittma ta' dannu tista' titlob kumpens għal dan id-dannu taħt dawn is-sistemi l-oħra ta' responsabbiltà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2002, González Sánchez, C-183/00, EU:C:2002:255, punt 31).

33 F'dan il-każ, LF ressqet rikors għad-danni kontra Sanofi Pasteur, kemm abbażi tal-Artikolu 1245 tal-Kodiċi Ċivili, li jittrasponi fid-dritt Franċiż is-sistema ta' responsabbiltà għal prodotti difettużi prevista mid-Direttiva 85/374, kif ukoll abbażi tal-Artikolu 1240 ta' dan il-kodiċi, li jipprevedi sistema ġenerali ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-azzjoni tagħha għad-danni minħabba ħtija, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li LF issostni li Sanofi Pasteur adottat aġir delittwali meta żammet fiċ-ċirkulazzjoni l-vaċċin inkwistjoni fil-kawża prinċipali minkejja l-fatt li din il-kumpannija kienet taf bin-nuqqas ta' sigurtà ta' dan il-vaċċin. L-imsemmija kumpannija naqset ukoll mid-dmir tagħha ta' diliġenza fir-rigward tar-riskji magħrufa ppreżentati mill-prodott inkwistjoni.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-aġir delittwali meħtieġ fil-kuntest ta' sistema nazzjonali ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija jikkostitwixxi bażi differenti mid-difett fil-prodott kif iddefinit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 85/374. Issa, din id-differenza fil-bażi tikkostitwixxi preċiżament il-kriterju li jippermetti li jiġi ddeterminat, konformement mal-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, jekk sistema nazzjonali ta' responsabbiltà tistax tiġi invokata b'mod parallel mas-sistema ta' responsabbiltà prevista mill-imsemmija direttiva.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 85/374 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-vittma ta' prodott difettuż titlob kumpens mingħand il-produttur għad-dannu tagħha abbażi tas-sistema ġenerali ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija billi tinvoka ż-żamma fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott difettuż li

dan il-produttur kien jaf bih jew nuqqas ta' twettiq tad-dmir tiegħu ta' viġilanza fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn dan il-prodott, jew kull aġir delittwali ieħor b'rabta ma' nuqqas ta' sigurtà tal-prodott difettuż.

Fuq it-tielet domanda

36 Permezz tat-tielet domanda, li għandha tiġi eżaminata qabel it-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst minn din id-dispożizzjoni huwa d-data li fiha l-lanjant kien jaf jew imissu kien jaf kemm bid-dannu, li deher b'mod ċert b'rabta mal-prodott difettuż, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu, bid-difett fil-prodott u kif ukoll bl-identità tal-produttur u li dan jipprekludi li dan il-bidu tad-dekorrenza jista' jkun biss id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu.

37 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (ara s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et*, 283/81, EU:C:1982:335, punt 20, u tad-19 ta' Diċembru 2024, Ford Italia, C-157/23, EU:C:2024:1045, punt 42).

38 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374, dan jipprevedi li l-azzjoni kontra l-produttur hija suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li "għandu jibda jiddekorri mill-jum li fih l-attur ikun ġie konsapevoli, jew kellu raġjonevolment isir konsapevoli, mill-ħsara, id-difett u l-identità tal-produttur". Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tirreferi għad-data li fiha l-kundizzjoni tal-vittma stabbilizzat, jiġifieri d-data li fiha dan id-dannu waqaf jipprogressa, bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni. Fil-fatt, din sempliċement tissuġġetta l-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu għall-għarfien ta' tliet elementi li fosthom hemm l-għarfien tad-dannu, mingħajr ma ssemmi l-istabbilizzazzjoni jew id-data tal-istabbilizzazzjoni ta' dan id-dannu.

39 Fir-rigward tal-kuntest li taħtu jaqa' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, il-vittma hija meħtieġa tipprova d-dannu, id-difett u r-rabta ta' kawżalità bejn id-difett u d-dannu. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi d-dannu bħala, b'mod partikolari, id-dannu kkawżat mill-mewt jew minn korriment personali filwaqt li d-disa' premessa tal-istess direttiva tindika li l-protezzjoni tal-konsumatur teżiġi l-kumpens, b'mod partikolari, għad-danni kkawżati mill-korriment personali. Madankollu, minn dawn id-dispożizzjonijiet jew minn din il-premessa ma jistax jiġi dedott li l-kumpens għandu jissodisfa sistema partikolari u jkun ikkundizzjonat mill-istabbilizzazzjoni tal-kundizzjoni tal-vittma jew mill-għarfien minn din tal-aħħar tad-dannu kollu tagħha.

40 Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva jipprevedi li d-drittijiet mogħtija lill-vittma b'applikazzjoni tal-istess direttiva jintemmu mal-iskadenza ta' terminu ta' għaxar snin mid-data li fiha l-produttur ikun qiegħed fiċ-ċirkulazzjoni l-prodott, l-iffissar tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst minn din id-dispożizzjoni għad-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu jista' jippreġudika l-effettività tal-protezzjoni stabbilita mid-Direttiva 85/374. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li l-istabbilizzazzjoni tad-dannu sseħħ wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' għaxar snin mid-data tat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott b'mod li jkun impossibbli għall-vittma li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-produttur.

41 Fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 85/374, din hija intiża, kif jirriżulta mill-ewwel premessa tagħha, li ttemm id-differenza bejn il-liġijiet nazzjonali li tista' twassal għal differenzi fil-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi fi ħdan l-Unjoni. L-uniformizzazzjoni tar-regoli li tirriżulta minn din id-direttiva għandha wkoll l-għan, skont il-ħdax-il premessa tagħha, li tillimita, fuq livell tal-Unjoni, ir-responsabbiltà tal-produttur għal perijodu ta' żmien raġonevoli. Fl-aħħar nett, mill-għaxar premessa tal-imsemmija direttiva jirriżulta li kemm il-vittma kif ukoll il-produttur għandhom interess li l-azzjoni għad-danni tkun suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni uniformi ta' tliet snin. F'dan il-kuntest, wieħed mill-iskopijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 85/374 huwa li jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet ta' ċertezza legali fl-interess tal-partijiet inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2006, 19 ta' Diċembru 2006, O'Byrne, C-127/04, EU:C:2006:93, punt 26).

42 Issa, l-iffissar tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għad-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu jista' jippreġudika dawn l-għanijiet differenti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 40 ta' din is-sentenza, tali interpretazzjoni tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374 ma tiggarantixxix neċessarjament il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-kumpens għad-danni kkawżati lilhom minn prodotti difettużi. Barra minn hekk, dan imur kontra l-preżervazzjoni taċ-ċertezza legali, billi jirrendi l-implimentazzjoni tas-sistema ta' responsabbiltà tad-Direttiva 85/374 dipendenti fuq kundizzjoni alleatorja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li d-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu, fil-każ ta' marda progressiva , hija min-natura tagħha inċerta u tista' barra minn hekk tikkorrispondi għal dik tal-mewt tal-vittma.

43 Għall-kuntrarju, anki fil-każ ta' dannu li jikkonsisti f'marda progressiva, l-iffissar tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għad-data li fiha l-lanjant kien jaf jew imissu kien jaf bid-dannu, fis-sens li dan id-dannu deher b'mod ċert b'rabta mal-prodott difettuż, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu, kif ukoll bid-difett u bl-identità tal-produttur jippermetti li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali kemm fl-interess tal-vittma kif ukoll fl-interess tal-produttur. B'mod partikolari, dan jippermetti li tiġi ddeterminata data ċerta u uniformi li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin.

44 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li tali interpretazzjoni tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374 ma tiksirx id-dritt tal-vittma li tikseb kumpens sħiħ għad-dannu tagħha.

45 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kumpens adegwat u sħiħ għall-vittmi ta' prodott difettuż għandu jkun żgurat għad-danni kkawżati mill-mewt jew minn korriment personali li jkunu l-konsegwenza tan-natura difettuża tal-prodotti fil-limiti stabbiliti minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Boston Scientific Medizintechnik (C-503/13 u C-504/13, EU:C:2015:148, punti 45 u 46).

46 F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi kkonstatat li, għalkemm tali kumpens għandu jiġi żgurat, id-Direttiva 85/374 ma tirregolax l-aspetti kollha relatati ma' tali kumpens.

47 Għalhekk, konformement mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 85/374, id-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, japplikaw għat-terminu previst fl-Artikolu 10(1) tagħha. Bl-istess mod, l-Artikolu 11 ta' din id-direttiva jipprovdi li d-drittijiet mogħtija lill-vittma jintemmu mal-iskadenza ta' perjodu ta' 10 snin mid-data li fiha l-produttur ikun qiegħed fiċ-ċirkulazzjoni l-prodott li kkawża d-dannu, kemm-il darba, matul dan il-perijodu, il-vittma ma tkunx ressqet proċedura ġudizzjarja kontrih. Minħabba f'hekk, din id-direttiva ma tipprekludix li, ladarba l-azzjoni għad-danni titressaq f'dawn

it-termini, dawn jiġu interrotti jew sospiżi skont id-dritt nazzjonali, fl-istennija tal-progressjoni ulterjuri tal-marda, b'tali mod li l-lanjant jista' jikseb kumpens sħiħ għad-dannu tiegħu abbażi tal-imsemmija direttiva. Madankollu, l-istess direttiva ma tippreċiżax il-kundizzjonijiet li fihom dawn it-termini jistgħu jiġu interrotti jew sospiżi.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, u bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jiddetermina r-regoli li jippermettu kumpens adegwat u sħiħ għad-danni kkawżati minn prodott difettuż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, W *et*, C-621/15, EU:C:2017:484, punt 25).

49 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-prinċipju ta' effettività, dan jeżiġi, fir-rigward tal-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi għas-salvagwardja tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, li dawn il-modalitajiet ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet hekk mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, W *et*, C-621/15, EU:C:2017:484, punt 26).

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin previst minn din id-dispożizzjoni huwa d-data li fiha l-lanjant kien jaf jew kien imissu kien jaf kemm bid-dannu, li deher b'mod ċert b'rabta mal-prodott difettuż, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu, bid-difett fil-prodott u kif ukoll bl-identità tal-produttur u li dan jipprekludi li dan il-bidu tad-dekorrenza jista' jkun biss id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu.

Fuq it-tieni domanda

51 Preliminarjament, għandu, minn naħa, jiġi osservat li t-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju taqa' taħt kuntest nazzjonali speċifiku. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, dwar il-validità tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 billi titlaq mill-premessa li t-terminu ta' għaxar snin li dan jipprevedi mill-mument tat-tqegħid fis-suq tal-prodott, u li fi tmiemu d-drittijiet mogħtija lill-vittma minn din id-direttiva jintemmu, ma huwiex suffiċjenti sabiex jippermetti lil vittma ta' marda progressiva kkawżata minn prodott difettuż tressaq azzjoni għad-danni.

52 Fil-fatt, skont ġurisprudenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), imfakkra fil-punt 26 ta' din is-sentenza, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin fir-rigward tal-azzjoni għad-danni, previst fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, li huwa traspost fid-dritt Franċiż fl-Artikolu 1245–16 tal-Kodiċi Ċivili, għandu jkun id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu. Issa, fil-każ ta' mard progressiv, din id-data ta' stabbilizzazzjoni tista' sseħħ wara dan it-terminu ta' għaxar snin, jiġifieri wara l-estinzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-vittma mid-Direttiva 85/374, b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tagħha. Għalhekk, fl-ipoteżi ta' tali interpretazzjoni tal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, dan ikun ifisser li l-azzjoni għad-danni, li tista' titressaq biss ladarba d-dannu jiġi stabbilizzat, tissogra li ma jkollhiex skop għall-vittmi affettwati minn mard progressiv li għalihom il-kundizzjoni tistabbilizza wara għaxar snin.

53 Madankollu, mir-risposta mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għat-tielet domanda, li tinsab fil-punt 50 ta' din is-sentenza, jirriżulta li din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi addottata. Fil-fatt, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 85/374 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst minn din id-dispożizzjoni għandu jkun id-data li fiha

l-lanjant kien jaf jew imissu kien jaf kemm bid-dannu, li deher b'mod ċert b'rabta mal-prodott difettuż, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu, bid-difett fil-prodott u kif ukoll bl-identità tal-produttur u li dan jipprekludi li dan il-bidu tad-dekorrenza jkun id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu.

54 Hekk iddefinit, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst f'dan l-Artikolu 10 jista' jseħħ qabel l-iskadenza tat-terminu ta' għaxar snin, previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, anki fil-każ ta' vittmi affettwati minn mard progressiv, b'mod li d-dritt għal rimedju effettiv ta' tali vittmi jista' jiġi ggarantit.

55 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-iskop tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, jikkonformaw ruħhom mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 KE (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 Huwa neċessarju li jiġi enfasizzat il-fatt li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeħtieġ li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-iskop imfittex minnha (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit ta' tali interpretazzjoni konformi jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu għall-qrati nazzjonali li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma tistax, b'mod partikolari, validament tqis li huwa impossibbli għaliha tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni sempliċement minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni, b'mod kostanti, ġiet interpretata f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt (sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punti 72 u 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq, sa fejn huwa possibbli, l-obbligu tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni li tivverifika, fid-dawl tal-prinċipji mfakkra fit-tliet punti preċedenti ta' din is-sentenza, jekk tali interpretazzjoni konformi hijiex possibbli.

59 B'dan ippreċiżat, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, li jipprevedi terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin mid-data tat-tqegħid fis-suq tal-prodott, huwiex validu fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn il-vittma ta' marda progressiva kkawżata minn prodott difettuż tista' tiġi mċaħħda mid-dritt ta' aċċess għal qorti fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' tali marda.

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, ma jikkostitwixxix prerogattiva assoluta u, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għalih taħt ċerti kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu previsti mil-liġi, it-tieni nett, għandhom josservaw il-kontenut essenzjali tad-drittijiet u tal-libertajiet inkwistjoni, u, it-tielet nett, għandhom, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u

tal-libertajiet ta' ħaddieħor (sentenza tas-26 ta' Jannar 2023, Ministerstvo na vatreshnite raboti (Reġistrazzjoni ta' data bijometrika u ġenetika mill-pulizija), C-205/21, EU:C:2023:49, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fir-rigward, qabelxejn, tal-ewwel kundizzjoni msemmija fil-punt preċedenti, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin huwa espressament imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374. Fis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744), il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dan l-Artikolu 11 jirriżulta minn rieda ta' armonizzazzjoni totali, fil-livell tal-Unjoni, sa fejn dan jipprevedi terminu uniformi li fl-iskadenza tiegħu d-drittijiet mogħtija lill-vittma mid-Direttiva 85/374 jintemmu. Bl-istess mod, l-imsemmi Artikolu 11 jistabbilixxi, b'mod imperattiv, il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu bħala d-data li fiha l-produttur ikun qiegħed fiċ-ċirkulazzjoni l-prodott li kkawża d-dannu, filwaqt li jistabbilixxi bħala l-unika raġuni għall-interruzzjoni tal-imsemmi terminu t-tressiq ta' proċedura ġudizzjarja kontra dan il-produttur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744, punti 37 u 38).

62 Sussegwentement, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni relatata mal-osservanza tal-kontenut essenzjali tad-dritt tal-vittma li jkollha aċċess għal qorti, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kontenut essenzjali tad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta jinkludi, fost elementi oħra, il-possibbiltà, għad-detentur ta' dan id-dritt, li jaċċedi għal qorti li jkollha kompetenza sabiex tiżgura l-osservanza tad-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jiggarantixxilu. Għal dan il-għan, dik il-qorti għandha tkun f'pożizzjoni li teżamina l-kwistjonijiet kollha ta' liġi u ta' fatt rilevanti sabiex issolvi t-tilwima li hija tkun adita biha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Dritt għal azzjoni ġudizzjarja kontra talba għal informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 66).

63 F'dan il-każ, ir-risposta għat-tielet domanda tippermetti li jiġi kkonstatat li l-essenza stess ta' dan id-dritt ma hijiex ippreġudikata mill-mekkaniżmu stabbilit mid-Direttiva 85/374.

64 Fil-fatt, meta d-dannu jkun jikkonsisti f'marda progressiva, mill-punt 47 ta' din is-sentenza jirriżulta li d-Direttiva 85/374 tippermetti, fi kwalunkwe każ, lill-vittma affettwata minn marda progressiva taċċedi għal qorti kompetenti sabiex jiġi rrikonoxxut id-dannu tagħha abbażi ta' din id-direttiva f'terminu ta' tliet snin mill-jum li fih id-dannu, b'rabta mal-prodott difettuż, ikun deher b'mod ċert, b'mod li din il-vittma kienet taf jew imissha kienet taf bl-eżistenza ta' dan id-dannu, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu.

65 Bl-istess mod, mill-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-fatt li dan it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin huwa inkluż fit-terminu ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 11 ta' din id-direttiva lanqas ma huwa ta' natura li jippreġudika dan id-dritt. Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li dan l-Artikolu 11 jipprevedi l-interruzzjoni ta' dan it-tieni terminu meta, matul dan il-perijodu ta' għaxar snin, il-vittma inkwistjoni tressaq proċedura ġudizzjarja kontra l-produttur.

66 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel domanda, l-implimentazzjoni ta' tali sistema hija bla ħsara għall-applikazzjoni eventwali ta' sistema nazzjonali ta' responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali jew ta' sistema speċjali ta' responsabbiltà eżistenti fil-mument tal-komunikazzjoni tad-Direttiva 85/374. Issa, kif jirriżulta mill-Artikolu 13 u mit-tlettax-il premessa ta' din id-direttiva, din tal-aħħar ma tippreġudikax tali applikazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744, punt 43).

67 Barra minn hekk, mill-punt 47 ta' din is-sentenza jirriżulta li d-Direttiva 85/374 lanqas ma tipprekludi li l-vittma, wara li d-dannu tagħha jkun ġie rrikonoxxut abbażi ta' din id-direttiva u wara li tkun kisbet kumpens inizjali, tkun tista' sussegwentement titlob, f'diversi stadji jekk dan ikun neċessarju, il-kumpens addizzjonali għal dan id-dannu jekk dan jipprogressa, fatt li madankollu għandu jiġi previst mill-Istati Membri.

68 Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-għaxar premessa tad-Direttiva 85/374, l-uniformizzazzjoni tar-regoli tal-preskrizzjoni mfittxija minnha kienet mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni kemm fl-interess tal-vittma kif ukoll f'dak tal-produttur (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744, punt 39).

69 Minn naħa, din l-uniformizzazzjoni tikkontribwixxi għall-għan ġenerali, espress fl-ewwel premessa tad-Direttiva 85/374, li jikkonsisti f'li jintemmu d-differenzi bejn id-drittijiet nazzjonali li jistgħu jagħtu lok għal diverġenzi fil-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi fi ħdan l-Unjoni. Min-naħa l-oħra, skont il-ħdax-il premessa tad-Direttiva 85/374, din hija intiża li tillimita, fuq livell tal-Unjoni, ir-responsabbiltà tal-produttur għal tul ta' żmien raġonevoli, b'rigward għall-iskadenza naturali tal-prodotti, u għas-severità li dejjem tikber tar-regoli ta' sigurtà u għat-titjib kostanti tal-għarfien xjentifiku u tekniku (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744, punti 40 u 41).

70 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni tikkonsisti fl-impożizzjoni ta' limiti ta' żmien speċifiċi fuq is-sistema ta' responsabbiltà mingħajr ħtija stabbilita mid-Direttiva 85/374. Fil-fatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din is-sistema tinvolvi, għall-produttur, piż ikbar minn dak ta' sistema tradizzjonali ta' responsabbiltà, u dan sabiex ma jiġix ostakolat l-iżvilupp teknoloġiku u sabiex tiġi ppreżervata n-natura assigurabbli tar-riskji marbuta ma' din ir-responsabbiltà speċifika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Aventis Pasteur (C-358/08, EU:C:2009:744, punt 42).

71 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-protezzjoni tal-konsumatur ma hijiex ta' natura assoluta u li l-iffissar ta' termini raġonevoli għall-preżentata ta' rikorsi taħt piena ta' dekadenza tal-istanza, fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-22 ta' April 2021, Profi Credit Slovakia, C-485/19, EU:C:2021:313, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li s-sitwazzjoni ta' vittma affettwata minn marda progressiva hija differenti minn dik ta' vittma li tbati minn marda latenti.

73 F'din l-aħħar ipoteżi, huwa minnu li, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2014, Howald Moor *et* vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2014:0311JUD005206710, punti 78 u 79), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li l-"impossibbiltà [għal vittma] li tkun taf li hija tbati minn ċerta marda [kienet tikkostitwixxi] ċirkustanza [li] kellha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-terminu ta' skadenza jew ta' preskrizzjoni". Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, dik il-qorti setgħet tqis li l-applikazzjoni ta' tali termini kienet illimitat, fis-sustanza tiegħu stess, id-dritt ta' aċċess ta' vittma għal qorti.

74 Madankollu, għalkemm il-vittma ta' marda progressiva tinsab f'sitwazzjoni ta' inċertezza fir-rigward tal-iżvilupp tal-kundizzjoni tagħha, hija ma tkunx imċaħħda mill-aċċess għal qorti peress li probabbilment d-dannu marbut mal-prodott difettuż ikun jidher b'mod ċert fit-terminu ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374, b'mod li d-drittijiet tagħha ma humiex ippreġudikati.

75 Għaldaqstant, il-prinċipji li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilixxiet fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2014, Howald Moor *et* vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2014:0311JUD005206710), ma jistgħux jiġu invokati sabiex tiġi kkontestata l-validità tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374 fil-każ ta' vittma affettwata minn marda progressiva dovuta għal prodott difettuż.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-eżami tat-tieni domanda ma rrileva ebda element ta' natura li jista' jaffettwa l-validità tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374.

Fuq l-ispejjeż

77 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

dan ma jipprekludix li l-vittma ta' prodott difettuż titlob kumpens mingħand il-produttur għad-dannu tagħha abbażi tas-sistema ġenerali ta' responsabbiltà bbażata fuq il-ħtija billi tinvoka ż-żamma fiċ-ċirkulazzjoni tal-prodott difettuż li dan il-produttur kien jaf bih jew nuqqas ta' twettiq tad-dmir ta' viġilanza min-naħa ta' dan tal-aħħar fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn dan il-prodott, jew kull aġir delittwali ieħor b'rabta ma' nuqqas ta' sigurtà tal-prodott difettuż.

2) L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 85/374

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin previst minn din id-dispożizzjoni huwa d-data li fiha l-lanjant kien jaf jew kien imissu kien jaf kemm bid-dannu, li deher b'mod ċert b'rabta mal-prodott difettuż, irrispettivament mill-progressjoni sussegwenti tiegħu, bid-difett fil-prodott u kif ukoll bl-identità tal-produttur u li dan jipprekludi li dan il-bidu tad-dekorrenza jista' jkun biss id-data tal-istabbilizzazzjoni tad-dannu.

3) L-eżami tat-tieni domanda ma rrileva ebda element ta' natura li jista' jaffettwa l-validità tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 85/374.

Firem